MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2014

Numru. 116/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Omar Attard**
**Wayne Attard**

Numru: 116/2013

Illum 15 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Omar Attard,** ta' ghoxrin (20) sena, bin Emanuel u Carmen neé Schembri, imwieled Pietà, Malta nhar l-4 ta' Frar 1993, residenti Blk 5, House 3, Triq il-Profs Walter Ganado, Pembroke, Malta, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 93893(M)

u

**Wayne Attard**, ta' tmintax (18)-il sena, iben Simon u Jacqueline neé Brincat, imwieled Pietà, Malta nhar il-21 ta' Mejju 1995, residenti Nru. 50, Silver Dreams, Triq Mikiel Ang. Grima, Pembroke, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 226395(M)

akkuzati talli fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2013, gewwa Triq it-Trux, l-Gharb, Ghawdex hekk ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (3:30hrs):

1. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Philip Micallef (I.D. Nru. 58944(G)) f'periklu car, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew kontra l-persuna ta' Philip Micallef (I.D. Nru. 58944(G)) sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara;

3. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurjaw jew heddu lil Philip Micallef (I.D. Nrui 58944(G)).

Il-Qorti giet mitluba illi, f'kaz ta' htija, barra l-piena skont il-ligi tapplika l-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 30) datata 28 ta' Awwissu 2014 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

a. fl-Artikoli 214, 215, 221, 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikoli 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikoli 382A, 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tallum, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-28 ta' Awwissu 2014 (*a fol.* 30), f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil uhud mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-kwerelant, fis-seduta tallum, jiddikjara li kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputati u ghazel li ma jixhidx *stante* li ghandu pendenti kontra

tieghu proceduri kriminali li jitrattaw l-incident li jsir riferenza ghalih fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lill-kwerelant jiddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu f'dan il-kaz.

Rat li l-imputati ghazlu li ma jixhdux u anqas ressqu ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li gie dikjarat fis-seduta tallum mill-kwerelant u tenut kont tal-atti processwali ta' dan il-kaz, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnhom. Fir-rigward tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront taghhom *stante* rinunzja da parte tal-kwerelant.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputati minnhom, fir-rigward tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

Finalment, in segwitu ta' dak dikjarat mill-kwerelant, fejn saret rinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-

Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tichad tali talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------